MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Numru 739/2007

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Lawrence Attard

Il-Qorti;

Rat li l-imputat ta’ tlieta u erbghin (43) sena, iben Carmel u Giorgia xebba Grech, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar il-10 ta’ April, 1964 residenti fil-fond numru Flat 4, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Zebbug detentur tal-karta ta’ l-identita numru 15064G gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar id-19 ta’ Settembru 2007, gewwa l-Pjazza San Frangisk, Rabat Ghawdex ghal habta tat-tmienja u nofs ta’ filghaxija (2030) kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizjorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) presjeduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D.

fil-20 ta’ Marzu, 2007 fuq depozitu ta’ Lm500 u garanzija personali ta’ Lm1,000 f’dan illi kien barra mir-residenza tieghu u gewwa l-pjazza San Frangisk kontra il-limitazzjonijiet imposti f’dan id-digriet u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Lawrence Attard u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, kopja vera tad-digriet moghti mill-Magistrat Dr. Edwina Grima tal-20 ta’ Marzu 2007 fejn il-kondizzjonijiet jinkludu dik li l-imputat jirtira lura d-dar fejn ighix mhux iktar tard mit-8.00 ta’ filghaxija u ma johrogx minn hemm gew mhux aktar kmieni mis-6.00 ta’ filghodu ta’ l-ghada kif ukoll li ma jersaqx lejn Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex, kif ukoll kopja vera tal-fedina penali tal-imputat.

Semghet ix-xhieda tal-proskezzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Skond id-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja fl-20 ta’ Marzu 2007, l-imputat inghata l-helsien mill-arrest. Skond dan id-digriet l-imputat ghandu ta’ kuljum jirritorna lura d-dar mhux iktar tard mit-8.00 p.m. u ma johrogx iktar kmieni mis-6.00 a.m. Obbligazzjoni ohra hi li ma jersaqx lejn Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex.

2. Fil-kors tat-trattazzjoni d-difensur tal-imputat sostna li l-kopja tad-digriet tal-helsien tal-arrest ma gietx prezentata mir-Registratur tal-Qorti izda sempliciment tressqet bhala dokument mill-Ufficjal Prosekutur.

Ghalhekk sostna li dan id-dokument ma jistax jikkostitwixxi prova fil-konfront tal-imputat. Sottomissjoni li m'hijiex valida in kwantu:

(a) L-ufficjal prosekutur ipprezenta kopja vera tad-digriet kif certifikat mid-Deputat Registratur Mary Jane Attard li tahdem fil-Qorti ta' Ghawdex;

(b) F'kull kaz fix-xhieda moghtija mill-imputat hu stess ikkonferma li jaf li tnejn mill-kondizzjonijiet imposti fuqu fl-ghoti tal-helsien mill-arrest huma li jrid jirritorna lura d-dar fit-8.00 p.m. u li ma jersaqx lejn Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex. Dikjarazzjoni li fiha nnifisha hi ammissjoni skjaccanti li l-imputat kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu.

3. Mix-xhieda li tressqu m'hemmx ombra ta' dubju li l-imputat kiser il-kondizzjoni li ta' kuljum irid jirtira gewwa r-residenza tieghu mhux izjed tard mit-8.00 ta' filghaxija u li ma jersaqx lejn Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex[1]. Ghalhekk l-imputat hu hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali, introdott bl-Att XVI tas-sena 2006.

4. Il-Prosekuzzjoni qeghda titlob ukoll li l-imputat jigi revokat lilu l-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid. Skond l-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali l-ksur ta' kwalsiasi kondizzjoni mposta fuq l-imputat fl-ghoti tal-helsien mill-arrest iggib maghha t-telfien ta' kull depozitu favur il-Gvern ta' Malta u l-arrest. Hu biss fejn il-Qorti tqies li l-ksur tal-kondizzjoni ma hix ta' konsegwenza serja li dan il-provvediment m'ghandux japplika.

5. Ghalkemm l-imputat ighid li hu kien attent hafna ghall-hin ghaliex kien jaf li jrid ikun id-dar sat-8.00 p.m., bla dubju ma tax kaz u baqa' jixrob sakemm iddecida li jitlaq minn fejn kien. Kien biss b'rizultat ta' zewg telefonati anonimi li rceviet il-pulizija li l-imputat instab barra jaghmel l-istorbju wara l-hin u f'post fejn kellu ordni sabiex ma

[1] Fil-fatt il-pulizija li xehedu kollha kkonfermaw li marru fi Pjazza San Frangisk meta kienu diga' t-8.30 ta' filghaxija u hemmhekk sabu lill-imputat barra hdejn il-karrozz tieghu jaghmel l-istorbju. Dan appari x-xhieda ta' l-imputat stess.

jkunx. Dan apparti li x-xhieda li tressqu mill-Prosekuzzjoni kkonfermaw ukoll li kien evidenti li l-imputat kien taht l-influwenza tax-xorb. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma ressaq l-ebda raguni valida li tiggustifika ghalfejn dak il-hin kien ghadu ma rritornax lura lejn id-dar. Il-Qorti lanqas mhi sodisfatta mill-iskuzanti li prova jaghti l-imputat ghalfejn ghadda minn Pjazza San Frangisk. Dan apparti l-fatt li hu ma ghaddiex biss minn din il-pjazza izda sahansitra nizel mill-karrozza. L-imputat qal li nizel mill-karrozza ghaliex sema' hoss f'wahda mir-roti tal-vettura tieghu. Fil-fehma tal-Qorti din hi biss skuza pwerili sabiex l-imputat jipprova jiggusitifika r-raguni ghalfejn il-pulzija sabuh fi Pjazza San Frangisk. Fil-fatt l-imputat ma eskludiex li dak il-hoss ma kienx diga' semghu dakinhar stess u sahanistra kkonferma li kien hoss li kien semghu f'okkazzjonijiet precedenti. Dan apparti l-fatt li r-ragunijiet kollha li semma l-imputat fix-xhieda tieghu ghalfejn kien ghadu barra ghalkemm kienu saru t-8.00 p.m. u ghalfejn mar fi Pjazza San Frangisk, ma jirrizultax li semmihom fil-hin li gie arrestat mill-pulizija jew iktar tard meta nghata l-opportunita' li jkellem lill-Ispettur Josric Mifsud. Fil-proceduri fejn l-imputat kien inghata helsien mill-arrest, qieghed jigi akkuzat li wettaq diversi reati fil-konfront ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, li jinkludu griehi ta' natura hafifa fuq surgent tal-pulzija, hebb u hedded membri tal-Korp tal-Pulzija, rezistenza bi vjolenza, sewqan b'mod perikoluz, u li bil-hsieb li jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-membri tal-Korp tal-Pulizija wera l-hsieb b'atti esterni. Dan kif jirrizulta mill-akkuza li saret fl-atti tal-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Lawrence Attard** li bdew fl-10 ta' Marzu 2007 wara li l-Qorti rriferiet ghall-atti tal-kawza sabiex tkun f'posizzjoni tikkunsidra n-natura tal-akkuzi li ngiebu kontra l-imputat sabiex tqies jekk ghandux japplika dak li jiddisponi l-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti tqies li l-imputat ma jistax jigi fdat u hu sfida volontarjament u minghajr ebda raguni valida l-ordni moghtija minn din il-Qorti. Dan fih innifsu hu serju u l-fatt li l-imputat rega' mar fi Pjazza San Frangisk meta kien taht l-influwenza tax-xorb u beda jaghmel l-istorbju, seta' jwassal ghal konsegwenzi serji. L-iskop li jigi mpost fuq l-imputat hin li jirritorna lura d-dar mhux iktar tard mit-8.00 p.m. kien jidher ukoll intiz biex jevita li l-imputat jerga'

jidhol f'inkwiet. Fil-fehma tal-Qorti l-provi juru li l-imputat sfida b'mod sfaccat l-ordni moghtija lilu mill-Qorti u ghogbu jaghmel fattieh. Agir li m'huwiex accettabbli.

6. Ghal fini ta' piena l-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-imputat li minnha johrog bic-car il-karattru ribelluz ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 579(1), (2), (3) u (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-fedina penali wkoll tal-imputat, qeghda ssib lill-imputat hati tal-akkuzi li ngiebu kontra tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ta' tlett (3) gimghat mil-lum li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kemm ilu jinzamm arrestat.

Tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni u tirrevoka d-digriet fejn l-imputat inghata l-liberta' mill-helsien mill-arrest u tordna li l-ordni ghall-helsien mill-arrest tal-imputat maghmul bid-digriet tal-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-20 ta' Marzu 2007 ghandu jigi revokat u ghalhekk l-imputat ghandu jigi arrest mill-gdid. Inoltre tordna li s-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) bhala depozitu u elf lira Maltija (Lm1000) bhala garanzija personali fid-digriet fuq imsemmi, li huma parti mill-kondizzjonijiet ghal helsien mill-arrest, ghandhom minnufih ighaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti ghal kull interess li jista' jkollu.

(ft.) Anthony Ellul
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------